MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 10/2003

**Norman Galea**

**vs**

**Simonds Farsons Cisk plc**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta' Gunju, 2003 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal Industrijali qieghed jitratta dan il-kaz fid-dawl ta' Punt Preliminari fil-kaz bejn is-Sur Norman Galea aktar il-quddiem jissejjah l-appellant u Simonds Farsons Cisk p.l.c. aktar 'l quddiem tissejjah il-kumpanija dwar jekk l-appellant osservax dak li qaltlu l-Kumpanija fl-ittra taghha tad-19 ta' April 2001 fejn gie mgharraf li l-Kumpanija sejjer ikollha tezamina jekk huwiex il-kaz li l-kuntratt tal-impieg

tieghu waqa’ wara li kien spiccalu s-*sick leave* kollu nhar il-Hamis, 18 ta’ April 2002, jew jekk kellux dritt jerga` jiehu x-xoghol lura.

**Provi**.

L-appellant jghid li fil-kaz tieghu ma kellux jitlef ix-xoghol peress li kien rikoverat ghal perjodu twil hafna kagun ta’ incident serju tat-traffiku fil-31 ta’ Dicembru 2001. Fit-19 ta’ April 2002 il-Kumpanija kitbitlu hekk, “*Il-Kumpanija ghandha bzonn minnufieh is-servizzi tieghek. Jirrizulta li ghadek mintix sejjer tigi x-xoghol. Il-Kumpanija ghalhekk sejjer ikollha tezamina hekk huwiex il-kaz li l-kuntratt tal-impieg tieghek waqa’*” Wara din l-ittra l-appellant ma rrispondiex lill-Kumpanija u f’dan ir-rigward il-Kumpanija bghatitlu t-tieni ittra datata 7 ta’ Mejju 2002 fejn qaltlu hekk, “*Gie ezaminat il-kaz tieghek u jirrizulta li m’intix f’possizzjoni li tonora l-obbligi li dhalt ghalihom li taghti servizz ta’ xoghol lill-Kumpanija. Ghaldaqstant qeghdin nikkonfermaw li l-kuntratt ta’ l-impieg tieghek qieghed jirrizulta li waqa’. Hekk sejrin ninfurmaw l-Employment & Training Corporation*.”

Ir-rapprezentanti ta’ l-appellant f’dan il-kaz it-Taqsima *Chemical and General Workers’* tal-General Workers’ Union qed isostnu li t-terminazzjoni tal-impieg sehhet bi ksur tal-ftehim kollettiv ezistenti bejn il-Kumpanija u l-GWU fejn jirrigwardja mard fit-tul; f’pagna 50 tal-ftehim kollettiv taht paragrafu ‘B’ “Tluq mill-impieg minhabba mard” fejn il-Kumpanija l-ewwel ghandha toffri impieg alternativ.

Il-Kumpanija ssostni li l-appellant kien fuq kuntratt ta’ xoghol indefinit. Meta korra f’incident bil-karozza ibbenefika mis-*Sick Leave Entitlement* skond il-kundizzjonijiet tal-impieg tieghu. Ghamel uzu mis-*Sick Leave Entitlement* kollu (full pay u half pay) liema *entitlement* gie ezawrit fit-18 ta’ April 2002.

Fid-19 ta’ April 2002 il-Kumpanija kitbitlu u nfurmatu li hi kellha bzonn is-servizz tieghu. L-appellant ma ghamel ebda kumunikazzjoni jew xi forma ta’ kuntatt ghal

gimghatejn. Fis-7 ta' Mejju 2002 il-Kumpanija wara li regghet ezaminat il-kaz, ikkonfermat lill-appellant li fil-fatt il-kuntratt kien waqa' u ma baqax validu.

It-Tribunal zamm sitt (6) seduti fejn il-partijiet ghamlu l-kaz taghhom halli jigi ccarat u fl-istess hin assigurat jekk it-tkeccija kif qed tigi allegata mill-appellant hix valida jew le peress li l-Kumpanija qed tallega li l-appellant ma giex imkecci izda l-kuntratt tal-impieg tieghu waqa' ghaliex ma kkonfermax ruhu mal-ittra tat-19 ta' April 2002.

Matul is-smiegh tal-kaz xehdu s-Sinjuri Arthur Muscat, John Spiteri, Mariella Borg Costanzi ghall-Kumpanija u Geitu Mercieca, Edmond Cefai, Joseph McKay u Norman Galea ghall-appellant.

It-Tribunal ried jara jekk l-appellant osservax dak li jghid il-ftehim kollettiv fir-rigward ta' *leave* u *sick leave*, jara wkoll kif agixxa ghall-korrispondenza lilu mibghuta mill-Kumpanija meta kien ezawrixxa l-*sick leave* kollu. Fl-istess waqt htieglu jara jekk il-Kumpanija osservatx b'mod korrett dak li hu mitlub minnha fil-ftehim kollettiv.

Matul is-smieh tal-kaz gew ipprezentati diversi ittri li gew skambjati bejn il-partijiet, importanti fosthom huma l-minuti li normalment jinzammu kull darba li jkun hemm laqgha bejn il-Kumpanija u l-GWU. Il-minuti huma tal-laqgha li saret fit-17 ta' Lulju 2002 fejn fost il-punti diskussi kien hemm *item* numru 3 dwar il-kaz ta' l-appellant. Dawn il-minuti fil-fehma meqjusa mat-Tribunal huma l-qofol tal-kaz. Fil-minuti hemm imnizzel hekk, "*Il-Union qajmet it-talba taghha rigward Norman Galea. Il-management qal li kumpens mhux dovut u jekk il-kumpanija ser thallas xi flus dan bhala gest biex izzomm relazzjonijiet tajbin. Il-union talbet li jithallas 'notice money' Il-Management qal li lest ihallas Lm200 ex-gratia. Il-union accettat"*.

Il-minuti ma gewx iffirmati u approvati mill-Union ghax ma qablux maghhom pero` jirrizulta wkoll illi dawn il-minuti qatt ma setghu jigu ffirmati ghaliex ma kinitx saret laqgha ohra warajhom. Fis-seduta ta' l-24 ta' Ottubru 2002 is-Sur Arthur Muscat, *Group Head Human Resources Manager*,

xehed li l-Kumpanija dejjem sostniet anke waqt il-laqgha illi effettivament, teknikament, l-impieg kien waqa', spicca. Il-Kumpanija sostniet illi ma keccietx lill-appellant. Invista li fil-minuti kkwotati gie miktub illi l-Union talbet li jithallas "notice money", fix-xhieda tas-Segretarja tal-Kumpanija s-Sinjura Mariella Borg Costanzi meta giet mistoqsija jekk intqalghetx il-kelma "*notice money*" irrispondiet hekk, "*Jekk jien ktibt 'notice money' mela notice money kienu qeghdin jitolbu*".

Is-Sur John Spiteri, *Welfare & Security Officer* mistoqsi x'intqal waqt id-diskussjoni irrisponda, "*mhux diskussjoni kienet; talba kienet fuq in-notice money*". Zied jghid li l-Union staqsiet x'se jiehu l-membru taghha talli ttermina l-impieg, imbaghad, kompla jghid, "is-Sur Muscat ta figura li kien qed jikkunsidra …pero` barra mill-impieg tieghu". Fl-opinjoni tieghu il-Union accettat is-somma ta' ex-gratia ta' mitejn lira "u morna ghal item iehor".

Fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2003 is-Sur Edmond Cefai, *Shopsteward* tal-GWU fix-xhieda tieghu qal, "*ahna minn naha taghna tkellimna mas-Segretarju tal-Union dwar xi forma ta' kumpens li kellu jinghata lill-Norman Galea*" Is-Sur Geitu Mercieca, Segretarju Taqsima Kimika u Haddiema Generali tal-GWU xehed li meta tkellem ma' l-appellant qallu, "*jien ma rridx flus, qalli jien il-job lura rrid*". Qal li hu qatt ma tkellem ma' l-appellant fuq kumpens. Bhala Segretarju dejjem jara x'ikun jista' jgib ghal membru u wara jiddiskuti r-rizultat mieghu qabel ma finalment jaccetta.

L-appellant xehed li meta kien cempel lis-Segretarju s-Sur Mercieca u dan kien qallu li l-Kumpanija kienet offriet is-somma ta' mitejn lira, irrisponda u qal "*li hu l-job lura jrid*". Mistoqsi meta kien qal dan il-kliem lis-Segretarju, hekk hux qabel il-laqgha wiegeb, "*ma nistax nghid ezatt imma Edmond Cefai ghedtlu*".

**Kunsiderazzjonijiet**

Minn dan l-ezercizzu jirrizultaw is-sekwenzi kollha kif zvolga dan il-kaz. It-Tribunal htieglu jasal ghal decizjoni

tal-Punt Preliminari dwar jekk il-partijiet waslux sal-punt ta' accettazzjoni jew jekk waslux sal-punt tal-offerta minghajr accettazzjoni.

Il-kaz ta' l-appellant beda b'kaz ta' incident tat-traffiku, kaz ikrah hafna kif jidher mic-certifikati medici tat-tabib Dr. Alec Sultana MD. F.R.C.S.I. fejn iccertifika li kien kaz li jinhtieg kura fit-tul biex jigi ccertifikat li jkun tajjeb biex jirritorna ghax-xoghol.

Il-Kumpanija appena skada z-zmien tas-*sick leave* kitbet lill-appellant fis-19 ta' April 2002 fejn infurmatu li kellha bzonn is-servizzi tieghu  B'zieda ma' dan il-Kumpanija fl-istes ittra gharfitu li jekk ma jipprovdix is-servizz tieghu l-kuntratt tax-xoghol mal-kumpanija ntimata kien jaqa' u ma jibqax validu.

Fis-7 ta' Mejju 2002 il-Kumpanija intimata regghet kitbitlu peress illi l-appellant ma ghamel l'ebda kuntatt minn naha tieghu bir-rizultat illi l-appellant gie hekk infurmat li fil-fatt il-kuntatt kien waqa' u ma baqx validu.

Fis-seduta li nzammet fl-24 ta' Ottubru 2002 gewipprezentati l-minuti datati s-17 ta' Lulju 2002 fejn il-kaz ta' l-appellanti gie diskuss it-tielet wiehed.  Jidher li l-Kumpanija baqghet issostni t-tezi taghha.  Fuq talba minn naha tal-Union saru diskussjonijiet ghal hlas ta' "*notice money*"  (it-Tribunal josserva illi matul is-smieh tal-kaz ma rrizultax car jekk it-talba kinitx ghal "*notice money* jew "*kumpens*").  Il-Kumpanija qalet li lesta thallas Lm200 ex-gratia.

It-Tribunal kellu jara u jezamina dawn is-segwenti punti kif jidher aktar l-isfel:-

(1) Illi t-temm tal-impieg hux gustifikat.
(2) Illi r-rapprezentanti tal-appellant, voldieri s-Segretarju tal-Union u x-Shopstewards, accetawx l-offerta ex-gratia tal-Kumpanija ta' Lm200 jew le.

Mill-ezami bir-reqqa kemm tad-dokumenti esebiti kif ukoll mix-xhieda prodotta, t-Tribunal hu tal-fehma li peress l-

ewwel punt kif jidher aktar il-fuq ma giex ttrattat estensivament kif gie ttrattat it-tieni punt deherlu ghalhekk li ghandu jiffoka fuq it-tieni punt. Huwa rilevanti li kif qal is-Segretarju tal-Union, is-Sur Geitu Mercieca, illi hu jaghmel kull mezz possibbli sabiex jara x'jista' jgib ghal membri waqt il-hin tan-negozjati. Pero` minn dak li xehed l-appellant deher car hafna li hu qatt ma kien interessat f'ebda forma ta' kumpens hlief li jerga` jiehu l-*job* lura. L-appellant mistoqsi waqt ix-xhieda jekk kienx tkellem mas-Segretarju s-Sur Mercieca qabel ma saret il-laqgha mal-Kumpanija qal li ma hux cert jekk kienx kellmu qabel, pero` qal li kien kellem lis-Sur Edmond Cefai.

Mill-fatti t-Tribunal josserva li waqt il-laqgha ma giex ittrattat il-kaz biex l-appellant jerga' jiehu x-xoghol lura, minflok gie diskuss in-*notice money* jew kumpens. Ir-rapprezentanti kienu jafu x'irid l-appellant partikularment is-*Shopsteward*, is-Sur Edmond Cefai. Is-Sur Geitu Mercieca jghid li hu f'cirkostanzi simili, dejjem jara x'jista' igib lill-membru u wara li jkun ezawrixxa n-negozjati jitkellem mal-membru sabiex jara jekk jaqbilx ma' dak li jkun ottiena ghalieh.

Il-punt li qam dwar li ma iffirmawx il-minuti ma kienx il-fattur kardinali ghat-Tribunal ghaliex kif diga' ntqal, ir-rapprezentanti ta' l-appellant naqsu li jitrattaw l-ghoti lura tal-impieg waqt il-laqgha.

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali wara li ezamina dak kollu li gie esebit waqt is-smieh tal-kaz kif ukoll sema' u ezamina x-xhieda kollha prodotta, jara li l-Kumpanija mxiet b'mod korrett. L-appellant minn naha tieghu naqas milli jiehu dawk l-azzjonijiet proprji u necessarji fil-hin propizju meta gie nnotifikat mill-Kumpanija permess ta' l-ittra datata 19 ta' April 2002.

Fl-assenza ta' dan in-nuqqas it-Tribunal isib li l-appellant volontarjalment abbanduna l-impieg tieghu meta ma osservax kif mehtieg il-kuntratt tal-impieg.

B’hekk tintemm din il-kwestjoni tax-xoghol.”

Minn din is-sentenza appella Norman Galea bl-aggravju illi t-Tribunal iddecieda l-meritu tal-kaz meta invece hu kellu jiddeciedi limitatament l-eccezzjoni preliminari mqajjma mis-socjeta` appellata. Hu jikkontendi li l-provi kienu kollha diretti biex jillustraw jekk kienetx sostenuta, o meno, l-allegazzjoni centrali li kien hemm da parti tieghu accettazzjoni ta’ kumpens ghas-saldu tal-jeddijiet minnu pretizi. Kien biss dan il-punt li gie trattat u mhux il-meritu.

Is-socjeta` appellata wiegbet illi filwaqt illi tirrikonoxxi li fil-kors tal-procedura saret enfasi l-aktar fuq l-eccezzjoni preliminari sollevata, eppure tirribatti wkoll illi anke tressqu provi dwar il-meritu tal-vertenza u ghalhekk it-Tribunal agixxa korrettement meta ddefinixxa anke l-meritu.

Ma jidherx li jista’ jkun disputat illi jekk, kif rilevat mill-appellanti meta jirrizulta kjarament mill-atti li meta fil-fatt inghatat is-sentenza (f’dan il-kaz sentenza finali fuq il-meritu), li issa tinsab impunjata, l-kaz ma kienx differit ghal daqshekk imma suppost ghal sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari sollevata, u ma tirrizultax, fic-cirkostanzi, l-ebda gustifikazzjoni procedurali, hu l-kaz li dik is-sentenza tigi annullata. Din mhiex kwestjoni ta’ semplici forma imma si tratta ta’ kaz fejn is-sentenza fil-meritu ma messhiex u ma setghetx legalment tinghata meta nghatat. Ara a propozitu decizjonijiet fl-ismijiet “**Angelo Mangion -vs- Agostino Mangion**”, Appell Civili, 11 ta’ Dicembru, 1967 u “**Saviour Chircop et –vs- Avukat Dottor Rene Frendo Randon** et”, Appell Civili, 12 ta’ Ottubru 1979.

‘Rebus sic stantibus’, fl-ambitu ta’ l-Att XXII ta’ l-2002 dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, tali materja ma setghetx hlief tigi konsiderata bhala appell fuq punt ta’ ligi, fit-termini ta’ l-Artikolu 82(3) ta’ l-Att imsemmi.

Ciononostante, dan ma jfisserx li din il-Qorti hi vestita bil-gurisdizzjoni biex tikkonsidra appell fuq dik il-bazi. Dan ghaliex, vizwalizzata mill-ottika ta’ l-Avviz Legali 425 ta’ l-2002, ma jidherx li appell bhal dan kien konsentit lil din il-Qorti taht dak l-Att. Sa fejn tinterpreta l-imsemmi Avviz Legali il-kazijiet li kienu pendenti qabel is-27 ta’ Dicembru 2002 quddiem it-Tribunal Industrijali, kif kostitwit bl-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 266), baqghu regolati b’dan l-ahhar Att u dan ma kienx jipprovdi aditu ta’ appell dirett quddiem din il-Qorti. Gja kellha okkazjoni din il-Qorti tikkummenta a propozitu fis-sentenza taghha fl-ismijiet “**Alec Anderson -vs- ASP Management Services Limited**”, 24 ta’ Marzu, 2004 ghal liema taghmel appozita referenza ghall-konsiderazzjonijiet kontenuti fiha.

Ghad li ma giet sollevata ebda pregudizzjali ta’ inappellabilita` f’dan il-kaz, ma jistghax ikun negat jew kuntrastat illi din il-Qorti ghandha mhux biss id-dritt imma d-dmir ukoll li tissolleva “ex officio” din il-pregudizzjali ta’ l-inappellabilita` tad-decizjoni li minnha gie introdott l-appell. Dan anke ghaliex, kif saput, il-principju hu wiehed ta’ ordni pubbliku u l-Qorti ma tistghax, lanqas kieku trid, tassumi gurisdizzjoni li ma ghandhiex. Ara **Kollez. Vol XXXIX pI p461** u “**Gio Andrea Psaila -vs- Emidio Mamo**”, Appell Civili, 16 ta’ Mejju 1966.

Issa mill-atti tal-kwistjoni tax-xoghol (Kaz Numru 1681) quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta li l-appellant odjern adixxa lil dak it-Tribunal b’ittra tar-rapprezentant sindakali tieghu tad-29 ta’ Lulju 2002 lill-Ministru tal-Politika Socjali li minn naha tieghu rreferixxa l-vertenza dwar allegata tkeccija ingusta lit-Tribunal b’avviz tat-2 ta’ Awissu 2002. Difatti, il-kaz beda jinstema` quddiem dan it-Tribunal fid-19 ta’ Settembru 2002 u l-provi effettivi bdew jigu kompilati fl-udjenza tal-24 ta’ Ottubru 2002.

In vista tal-premess u ta’ dak li jinghad in meritu fil-precitat Avviz Legali 425 ta’ l-2002 il-procediment f’dan il-kaz kien

diga qed jircievi l-attenzjoni tat-Tribunal adit qabel id-data statwita tas-27 ta' Dicembru 2002. Ma setghax ghalhekk l-appellanti, li hassu avversament kolpit bis-sentenza tat-Tribunal, jadixxi direttament lil din il-Qorti biex iressaq il-lanjanza tieghu dwarha. Ir-raguni hi ovvja. Il-Kap 266 ma kienx jipprovdilu rikors dirett lil din il-Qorti izda skond il-prattika forensi d-dritt ta' mpunjattiva permezz ta' citazzjoni in kontradittorja tal-kontroparti u anke, fejn jirrikorri, kontra c-Chairman tat-Tribunal, quddiem il-Qorti ordinarja civili u sussegwenti appell lil din il-Qorti mis-sentenza relattiva. Dritt dan limitat ghal certi sitwazzjonijiet ben illustrati f'diversi gudikati; ad exemplum, "**Av. Dr. Vincent Falzon noe -vs- Isabelle Grima**", Appell Civili, 17 ta' Mejju 1993 u "**Salvino Borg D'Anastasi -vs- Ian Decesare noe**", Appell Civili, 13 ta' Gunju 1995.

Fic-cirkostanzi, in vista ta' l-inappellabilita` tas-sentenza din il-Qorti hi prekluza milli tidhol fil-meritu tal-appell interpost.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi, in bazi ghall-konsiderazzjoni ta' l-inappellabilita` sollevata 'ex officio', tiddikjara irritu u null l-appell interpost mill-appellanti, bl-ispejjez kontra tieghu, salv lill-appellant kull xorta ta' rimedju iehor, jekk u skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------